**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 448/2016**

**ZQ f'ismu proprju u f'isem hutu**

**TQ u NQ (l-ilmentaturi)**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd.**

**(C 30053) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-12 ta' Gunju 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentaturi fil-qosor jissottomettu:**

Illi fl-2008, is-socjetà intimata kienet talbet u nsistiet mar-rikorrenti sabiex jehilsu minn investiment jismu '*Friends Provident',* illi huma kienu wirtu minghand missierhom, sabiex dawn jigu investiti fi prodott ahjar u aktar sigur bl-isem ta' *'Lifemark'*.

Illi huma qaghdu fuq dak li gie suggerit lilhom mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li kien espert f'dan is-settur u helsu mill-*Friends Provident* sabiex xtraw zewg investimenti fil-*Lifemark*.

Illi fis-sena 2010, il-prodott *Lifemark* gie sospiz u r-regolatur tal-prodott fil-Lussemburgu qabbad amministraturi biex jiehdu hsieb it-tmexxija tal-kumpanija *Lifemark S.A*.

Illi s-socjetà intimata kienet pittret stampa totalment differenti tan-natura, riskji u karatteristici tal-*Lifemark* minn dak li, fil-fatt, kien fir-realtà.

Illi b'nuqqas ta' hila u/jew negligenza il-provditur tas-servizz naqas milli jesegwixxi l-obbligazzjonijiet illi kien ikkuntratta mal-ilmentaturi u kkagunalhom danni konsistenti f'telf ta' kapital u qligh li gie mtellef.

Illi, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li l-provditur tas-servizz agixxa b'nuqqas ta' hila u sengha jew traskuragni fit-twettiq tal-inkarigu tieghu kif ukoll nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tal-*Guidelines* u regolamenti dwar l-investiment tal-*MFSA* fil-konfront tar-rikorrenti. Kif ukoll illi s-socjetà intimata naqset milli tesegwixxi l-obbligi imposti fuqha mil-ligi u/jew mill-kuntratt iffirmat mar-rikorrenti u, ghalhekk, talbu li jigu likwidati d-danni li ghandhom jithallsu mill-provditur tas-servizz.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz:**

F'dan ir-rigward irid jigi precizat li, peress li bi qbil bejn il-partijiet l-ilmentatur inghata l-opportunità li jipprezenta ilment gdid, ghax l-ewwel wiehed ma kienx car u l-ilmentatur xtaq ikun assistit legalment, il-provditur tas-servizz ukoll inghata l-opportunità li jipprezenta risposta gdida ghall-ilment il-gdid. Il-provditur ipprezenta t-tieni risposta tieghu[1] fejn issottometta li kien qed jirtira t-tieni u s-sitt eccezzjoni li kien ta fl-ewwel risposta tieghu u zamm fermi l-kumplament taghha flimkien ma' eccezzjoni ohra li ser tigi moghtija l-attenzjoni fil-korp ta' din id-decizjoni.

**Fir-risposta tieghu, il-provditur essenzjalment jghid**:

1. Illi preliminarjament, l-ilmentatur irid igib il-prova li fil-fatt, fil-mument li l-ilment odjern gie intavolat, hutu TQ u NQ ma kienux qeghdin Malta u li kellu prokura appozita biex jintavola dan l-ilment ghan-nom taghhom ukoll, u fin-nuqqas, (i) l-ilmentatur ma jistax jipprocedi ghan-nom taghhom u ghalhekk l-imsemmija TQ u NQ m'ghandhomx *locus standi* f'dawn il-proceduri u (ii) l-ilment ma jistax jigi milqugh in kwantu l-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru;

[1] A fol 94

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jidher illi l-ilmentatur ressaq zewg forom ta’ talbiet – wahda ghal rifuzjoni tal-ammont investit kif imfisser fil-Formula tal-Ilment, u ohra konsistenti f’serje ta’ talbiet f’Dok. 1 bhala “*Sunt tal-istorja kollha maghmul f’forma ta’ Rikors*” fl-ittra tat-30 ta’ Settembru mehmuza mal-ilment odjern liema talbiet bir-rispett kollu huma konfuzjonarji u ma jfissrux car u sewwa l-oggett tal-ilment; illi ghalhekk filwaqt illi s-socjetà intimata sejra tirrispondi kif tista’ dwar l-allegazzjonijiet varji maghmula mill-ilmentaturi a skans ta’ pregudizzju ghad-difiza taghha, d-dokument “Dok 1” ghandu jigi sfilzat minn dan l-Onorabbli Tribunal u m’ghandux jitqies mis-Sinjorija Tieghu l-Arbitru fl-investigazzjoni tieghu minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti tirriserva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li fil-kors ta’ dawn il-proceduri dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jitlob lill-ilmentatur jiccara l-ilment tieghu;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta wkoll ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu l-ilmentatur qed jallega qerq u/jew vizzju tal-kunsens;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, hlief ghat-talba ta’ rifuzjoni tal-flus investiti, ma huwiex car x’inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti – hemm hjiel ta’ allegazzjoni ta’ ‘*mis-selling’*, hemm hjiel ta’ allegazzjoni ta’ qerq [u necessarjament allura vizzju ta’ kunsens] u, ghalhekk, l-ilmentaturi jridu jiccaraw il-bazi tal-ilment u konsegwentement it-talba taghhom. L-eccepjenti, ghalhekk, qieghda tirriserva minn issa li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-kaz;

7. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjent ma hiex il-legittimu kuntradittur tal-ilmentatur, u hija s-socjetà

emmetrici estera *Lifemark S.A.* li ghandha twiegeb ghat-talbiet tal-ilmentatur;

8. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit il-*casus*, stante li kwalunkwe telf li setghu garrbu l-ilmentaturi huwa direttament u/jew indirettament ir-rizultat tal-krizi finanzjarja li d-Dinja dahlet fiha fl-2008;

9. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa car illi l-ilment jittratta effettivament kwistjoni ta' telf fl-investiment; illi, l-eccepjenti ma tistax tinsab responsabbli ghal telf li sehh f'investiment li ma kinitx tiggestixxi; u dan apparti l-fatt illi fornitur ta' servizzi finanzjarji jagixxi bhala intermedjarju biss bejn l-emmettur tal-prodott u l-investitur ghax-xiri tal-investiment;

10. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur, u dan, *inter alia*, stante illi t-telf f'investiment ma jgibx wahdu r-responsabilità awtomatika u/jew vikarja tal-fornitur tas-servizz izda jrid jigi imputat xi tort attribwibbli lill-fornitur tas-servizz u ma hux minnu assolutament li effettivament inghataw xi servizz jew parir hazin mill-eccepjenti, u l-eccepjenti qieghda tirrespingi bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kull allegazzjoni mressqa kontra taghha li kienet traskurata, negligenti, li ma qdietx id-doveri taghha bhala *bonus pater familias*, jew li qarrqet bi kwalunkwe mod lill-ilmentatur [u lil hutu];

11. Illi ma hux minnu li l-eccepjenti tat parir jew servizz hazin fid-19 ta' Awwissu 2008, u ghaldaqstant it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa';

12. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf verament soffert mill-ilmentaturi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li l-ilmentaturi garrbu xi telf fuq l-investimenti in kwistjoni, b'daqshekk ma jsegwix illi l-eccepjenti huma responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi apparti minn hekk, tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentaturi lanqas ma jistghu jippretendu illi kieku l-ilmentatur investa flusu f'investiment iehor, il-kapital kien ser jibqa' shih;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Fit-tieni risposta jghid**:

1. Illi l-eccepjenti qieghda tirtira t-tieni u s-sitt eccezzjonijiet taghha kontenuti fir-risposta originali taghha in vista tar-rikors intavolat mill-gdid mill-ilmentatur;
2. Illi l-eccepjenti zzomm ferm l-eccezzjonijiet kollha l-ohra taghha;
3. Illi ulterjorment, b'referenza ghall-ewwel u t-tieni talba, f'kaz li dawn jintlaqghu jigi precizat li r-rimedji li jista' jaghti l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta jeskludi l-hlas ta' kwalunkwe forma ta' kumpens sakemm ma tingiebx il-prova li tali nuqqasijiet kienu l-kawza prossima tat-telf effettiv, u ghaldaqstant it-tielet, ir-raba' u l-hames talba ghandhom jigu respinti u semmai ghandu jinghata rimedju iehor kif tiddisponi l-Ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Fl-ewwel eccezzjoni il-provditur tas-servizz jghid illi trid issir prova li meta l-ilmentatur ipprezenta l-ilment hutu ma kienux f'Malta peress li kellu prokura biex jintavola dan l-ilment f'isimhom; u wkoll li, galadarba huma kienu f'Malta, ghalhekk, ma setax jipprocedi f'isimhom u, allura, l-gudizzju mhux integru.

L-Arbitru jrid, qabel xejn, jiccara l-pozizzjoni legali ta' ilment quddiem l-Arbitru. Skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, il-proceduri quddiem l-Arbitru huma informali tant li anke jista' jinbeda kaz b'sempliciment ittra. Dawn il-proceduri m'humiex regolati bil-Kodici Civili jew bil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili hlief fejn il-legizlatur jirreferi ghalihom specifikament fl-istess Kap. 555. Perezempju, bhal nghidu ahna, fil-kaz tal-preskrizzjoni jew f'kazi fejn hemm

rimedji kawtelatorji jew fi drittijiet u obbligi tax-xhieda quddiem l-Arbitru. Mill-bqija, m'hemmx il-formalità bhal fil-kaz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti.

Ghalhekk, ir-referenza ghall-Artikolu 1866 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 786 tal-Kap. 12, ma kienux mahsuba ghall-proceduri odjerni. Tant li fid-definizzjoni ta' '*partijiet*' il-ligi tghid hekk:

*'"partijiet", fir-rigward ta' ilment, tfisser il-parti li tkun qed taghmel l-ilment, il-provditur tas-servizzi finanzjarji li kontrih ikun sar l-ilment,* ***u kull persuna ohra li fil-fehma tal-Arbitru ghandha tigi ttrattata bhala parti fl-ilment'*****.**

F'dan il-kaz gie ppruvat li kemm TQ kif ukoll NQ huma hut ZQ, li kollha wirtu l-flus investiti minghand missierhom u li, bl-awtorizzazzjoni taghhom, huwa ghamel dan l-ilment f'isimhom ukoll. Tant li huma ghamlu l-*affidavits* taghhom u spjegaw kif l-investiment kien sar f'isimhom ukoll. Ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kap. 555, l-Arbitru jifhem li huma wkoll ghandhom jitqiesu bhala parti f'dan il-kaz ghax huwa kjarament ippruvat li huma kienu parti minn dan l-investiment, u kjarament jidher ukoll li awtorizzaw lil huhom jilmenta f'isimhom ukoll.

Irid jigi pprecizat ukoll li l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji m'huwiex qorti, u l-pratticità inghatat supremazija mil-legizlatur kemm meta ipprovda li l-Arbitru ghandu jistabbilixxi l-procedura hu (sakemm jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali) u kemm meta obbliga lill-Arbitru jara li l-proceduri jkunu '*informali, ekonomici u mhaffa'*.[2]

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda u TQ u NQ ghandhom jitqiesu wkoll partijiet f'dan il-kaz hekk kif rapprezentati minn huhom, ZQ.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qed jaghti tlett eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni, ibbazati fuq l-Artikoli 1222(1), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru jrid jiccara t-terren legali ghaliex l-ilmentatur jghid li, galadarba l-legizlatur ta rimedji lill-konsumatur sabiex iqajjem kazi li jmorru lura sal-2004, allura, l-preskrizzjoni trid tittiehed f'dan il-kuntest. Dan m'huwiex

[2] Kap. 555, Art. 19(3)(d)

ezatt. Il-Kap. 555 jaghmel distinzjoni netta bejn dik li hi kompetenza tal-Arbitru u l-preskrizzjoni.

Dak li semma l-ilmentatur dwar kazi li jmorru lura sal-2004, huwa intiz biss biex tigi stabbilita l-kompetenza tal-Arbitru. Dwar preskrizzjoni il-Kap. 555 huwa car hafna. L-Arbitru jrid iqis l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni skont dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar preskrizzjoni. Hija skarsa r-referenza ghall-Kodici Civili fil-Kap. 555 ghaliex il-legizlatur ried li l-Arbitru jimxi fuq ligijiet specjalizzati aktar milli fuq ir-regoli tal-ligi generali fejn jidhol il-mertu, izda dwar preskrizzjoni, il-legizlatur ried li l-Arbitru jimxi fuq il-Kodici Civili.

Ghalhekk l-Arbitru ser jittratta l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni a bazi ta' dak li jghid il-Kodici Civili.

L-ewwel eccezzjoni dwar preskrizzjoni hija a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

L-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 jghid li *'L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

Il-Qrati taghna dejjem irritennew illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma '*ex delictu vel quasi*'. Meta d-danni huma '*ex contractu*', ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.[3]

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr. Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:***

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali.' (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*.

F'dan il-kaz inbiegh prodott finanzjarju, kif jirrizulta minn diversi dokumenti fosthom, il-*Purchase Contract Note*[4] u, ghalhekk, sehhet tranzazzjoni

---

[3] *Go p.l.c. vs Charles Dimech,* PA, 28/07/2011
[4] A fol 31

kuntrattwali bejn il-partijiet. Galadarba r-rimedju mitlub mhux indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali, il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 ma tistax tirnexxi u qed tigi michuda.

L-Arbitru jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet: ***Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.*** **deciza fl-1 ta' Gunju 2017,** fejn gie deciz li dawn it-tranzazzjonijiet huma ta' natura kuntrattwali.

Eccezzjoni ohra hija ibbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. L-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' hames snin tapplika ghal:

'*azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku'.*

Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza '***Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et'*****, [Deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 – Vol LXXXII.II.751],** dik il-Qorti osservat li l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju [fejn il-preskrizzjoni hija dik tal-azzjoni kriminali], dawk derivanti minn htija akwiljana [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' sentejn] u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali [fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin].[5]

Ghalhekk l-Arbitru jrid jikkunsidra jekk dan il-kaz hux preskritt ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

   Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '*Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe'*,[6]

   *'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista'*

[5] Ara wkoll '*Emanuele Cassar vs Marija Ciappara'* [Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 1953]
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003

*tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq'.*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[7]

   Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza '*Causon vs Sheibani noe*' illi:-**

   ***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le.'***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

   **Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li*: 'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[8]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghu jezercitaw l-azzjoni.

---

[7] *Holland noe vs Chetcuti,* QA, – 25 ta' Frar 2000

[8] *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*, PA, 12/10/2004,

Huwa l-provditur tas-servizz li jrid jipprova dan. Huma skarsi hafna l-provi li tressqu f'dan ir-rigward. L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz, Michael Schembri, ma jaghmel l-ebda referenza ghall-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, u l-unika referenza ghalihom saret fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz fejn jghid li l-perjodu preskrittiv ghandu jiddekorri minn dakinhar li, allegatament, inghata parir hazin jigifieri minn dakinhar li nbiegh il-prodott.[9] Isemmi wkoll '*Marzu tas-sena 2010'*.[10] Din id-data hija d-data meta l-provditur tas-servizz kien baghat ittra lill-klijenti tieghu fejn kien infurmahom li kienu nhatru amministraturi provizorji ghal-*Lifemark*.

Però, l-provditur jonqos milli jsemmi li fl-istess ittra huwa qalilhom ukoll:

'*GlobalCapital Financial Management Ltd. has unsuccessfully sought to get more information and will continue to endeavour to do so on your behalf. We assure you that as soon as we have more information we will immediately update you accordingly.'*[11]

F'Lulju tal-istess sena, il-provditur tas-servizz baqa' jghid lill-klijenti tieghu illi huwa ser ikompli jsegwi l-izviluppi u jinfurmahom.[12] F'Novembru 2013, **sar hlas akkont** ta' €4,335,[13] fejn gie deskritt bhala tali u bhala '*early instalment of the distribution which will be made on the conclusion of the English Court hearing…etc.'*

F'Jannar 2014, sar pagament iehor u l-provditur tas-servizz wieghed li *'… we confirm that we are continuing to monitor the developments on your behalf'*.[14]

F'Jannar 2016, sar dak li ssejjah *'final distribution payment'* fl-ammont ta' €716.09.

Kien hawn li l-provditur tas-servizz ma baqax iwieghed li ser ikompli jsegwi l-kaz f'isem il-klijenti tieghu.

Dan iwassal lill-Arbitru ghall-konkluzjoni li jkun ingust li l-provditur qed iqajjem l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni meta sal-2016 kien hu li zamm lill-ilmentaturi

[9] A fol 289; 290
[10] A fol 291
[11] A fol 234
[12] A fol 236
[13] A fol 238
[14] A fol 240

imdendlin billi kien iwieghedhom li ser ikompli jindaga l-kaz f'isimhom, u issa qed jghid li l-preskrizzjoni ghandha tibda tghodd minn dakinhar li nbieghu il-prodotti jew minn Marzu 2010.

Apparti l-fatt ukoll li, galadarba kienu qed isiru l-hlasijiet, kienet qieghda tigi interrotta l-preskrizzjoni. Il-provditur tas-servizz baqa' jwieghedhom li ser jibqa' jindaga dwar l-ezitu tal-kaz sal 2016, u issa jkun qed jagixxi *in mala fede* jekk jghid li kellhom ifittxuh qabel.

Apparti dan, f'dan il-qasam ma jistax ikun li azzjoni tinbeda minn dakinhar li jinbiegh il-prodott ghaliex kieku jsir hekk, minghajr ma l-ilmentatur ikollu l-ebda hjiel ta' kif ser imur il-prodott, il-provditur ikollu ragun jikkontendi li l-ilmentatur ikun intempestiv, jekk mhux ukoll ikun qed jagixxi b'mod vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru qed jichad ukoll din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, peress li dan jittratta dwar kazi fejn tkun qed tintalab ir-rexxissjoni ta' obbligazzjoni, u f'dan il-kaz mhux qieghed jintalab dan, din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni li l-provditur tas-servizz m'huwiex il-legittimu kontradittur ghax kien biss intermedjarju, l-Arbitru ser jichadha ghal dawn ir-ragunijiet. Imkien il-provditur tas-servizz ma gab xi prova soda li juri dan. Anzi, l-***Purchase Contract Note,*** jigifieri d-dokument li jaghti prova tax-xiri tal-prodotti in kwistjoni, huma kollha mahrugin u ffirmati f'isem *GlobalCapital Financial Management Ltd.*[15] li ddeskriviet lilha nnifisha biss bhala kumpanija licenzjata mill-*MFSA*.

Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova konkreta jew xi xhud li jghid li huma kienu qalu lill-ilmentaturi li qed jagixxu f'isem haddiehor meta bieghu il-prodotti in kwistjoni.

Apparti dan, bhala *Licence Holder* mill-*MFSA* biex jaghti pariri u jbiegh prodotti finanzjarji, il-provditur tas-servizz huwa marbut bir-regoli mahruga mill-*MFSA* taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta[16] u, peress li huwa provditur tas-servizzi finanzjarji skont id-definizjoni taht il-Kap. 555, u kien hu li biegh dawn il-prodotti lill-ilmentaturi, ghalhekk huwa soggett ghall-proceduri quddiem l-

[15] A fol 31
[16] Li ser jigu ttrattati aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni

Arbitru fil-kwalità tieghu ta' provditur tas-servizzi finanzjarji u huwa l-legittimu kontradittur.

Ma hemm l-ebda kaz ta' *casus;* u l-provditur tas-servizz mhux qed jigi mfittex ghaliex huwa kien qed jiggestixxi l-prodotti *de quo* izda ghaliex qed jallegaw li, bhala *Licence Holder* mill-*MFSA,* huwa bieghilhom prodotti b'mod hazin u kiser l-obbligi kuntrattwali maghhom.

## Fil-Mertu

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonoveli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[17]

Sabiex ikun jista' jaghmel dan, l-Arbitru jrid jara n-natura tal-prodott mibjugh, jara l-profil tal-ilmentaturi u kif gie mibjugh dan il-prodott.

## Il-Prodott

Dan il-prodott, il-*Keydata Secure Income Bond (SIB*), jew kif indikat fuq il-*Purchase Contract Note* bhala *Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 EUR,* u *Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 GBP,* kien prodott ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Filwaqt li l-provditur tas-servizz ipprezenta diversi *brochures* ta' prodotti ohra li mhux mertu tal-kaz, naqas milli jipprezenta l-*brochure* tal-prodotti mertu tal-kaz. L-istess *brochures* ma gew lanqas ipprezentati mill-ilmentaturi.

Ghalhekk l-Arbitru ghamel l-analizi tieghu fuq *brochures* fil-pussess tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Kif jidher mill-*brochure* tipiku tal-*SIB*, dan il-prodott ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-iSterlina u 7% fis-sena fid-Dollaru u l-Ewro ghall-perjodu ta' hames snin.

[17] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Is-*Secure Income Bond Fund* (*SIB*) kien investiment tal-kategorija *asset-backed securities.* Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettall tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu), l-*SIB* kien jinvesti f'*bonds* (*security bonds*) li l-assi *underlying* taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.

Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/mewt tal-*life-assured* ma kinitx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas *premium* biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur. Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.

Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u, b'hekk, il-*premium* irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.

**Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura, lanqas wiehed jistenna li *retail investors,* bhalma huma l-ilmentaturi, kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.**

**Apparti l-fatt ukoll, li l-isem *SECURE INCOME BOND,* jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.**

Jekk wiehed ihares lejn il-*brochure* tipiku tal-*SIB* jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (*Annual Income Over 5 Years*), ritratt kbir ta' *lighthouse* (simbolu tas-sigurtà) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:

*'Aims to provide return of Capital after 5 years:*

*Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent;*

*Quarterly income option available'.*

Ghalkemm fl-istess *brochure* jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar jew jekk tigbed l-investiment qabel, però l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.

Taht it-titolu, ***Benefits at a Glance,*** hemm dan it-test**:**

> *An investment with NO Stock Market exposure*

> *Investing in cash and assets issued by institutions rated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*

> *Available via banks, stockbrokers and direct investment*

> *Low minimum investment – Only £10,000 / $20,000 / €10,000*

> *The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*

> *The issuer is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg.*

- Hemm ukoll dan b'tipa kbira:

  ***'A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls.'***

- Fil-qiegh ta' wahda mill-pagni hemm b'inqas prominenza dan il-kliem:

  '*Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section "Key Features" on page 13.'*

Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-*performance* ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-*assumptions* li jigu ma' dawn il-mudelli.

Ir-riskji, kif deskritti, forsi kienu jaghtu l-impressjoni li ma kienux ivarjaw wisq minn uhud mill-prodotti l-ohra ta' investiment li forsi kienu qed jigu offruti lil investituri ohra. Il-prodott fl-ebda mument ma kien iwieghed protezzjoni assoluta ghall-kapital.

Però, ma jistax jitqies li dak iz-zmien li nbiegh l-*SIB*, kien investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment **f'kategorija ta' riskju medju ghal riskju gholi.**

Dan mhux qed jinghad *with the benefit of hindsight,* imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'*bonds* li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-

istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-*SIB* investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal *retail investors* kif kienu l-ilmentaturi .

Dawn it-tip ta' investimenti huma *Asset-Backed Securities* li huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.

Meta l-*MFSA*, li hija r-regolatur f'dan il-qasam, rat li kienu qed jinbieghu prodotti li huma *Asset-Backed Securities* bhal dan il-prodott, interveniet billi harget: *Warning to prospective investors about Asset-Backed Securities* bhalma hu l-*Lifemark*, fejn qalet:[18]

'*The Malta Financial Services Authority (MFSA) has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in 'bonds' or 'fund acccounts' whose performance is linked to assets, such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). By their very nature, these investments are not easy to understand.*

*Despite the fact that they may be promoted as 'alternative' to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment……..'*

*'When it comes to redemption (selling) of these investments, these…restrict the investor from selling his holdings before the investment matures…'*

***'Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant risks.'***

Huwa minnu li dan l-avviz lill-investituri hareg wara li nbiegh il-prodott *de quo* lill-ilmentaturi, imma li qalet l-*MFSA* kien proprju deskrizzjoni tal-prodotti li kienu qed jinbieghu (bhall-*SIB*) u r-riskji li rat l-*MFSA* kienu digà jezistu fil-prodotti li nbieghu.

[18] *MFSA Consumer Media Release* 13/11/2009 (ref. 05/2009)

Barra minn hekk, fis-sentenza taghha f'kaz simili,[19] il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddeskriviet il-prodotti bhal-*Lifemark* hekk:

*'Hu minnu illi ma jfissirx li investment li jkun sigur, dan ma jistax ifalli xorta, izda investiment f'kumpaniji ta' life insurances ma jistghux jitqiesu bhala investimenti siguri ghall-ahhar. Il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid f'artikolu pubblikat fl-14 ta' Frar 2014, il-Financial Conduct Authority tar-Renju Unit li jitkellem fuq traded life policy investments kif jidher li kien kostitwit dan il-fund.*

*Jintqal hekk:*

*"Traded life policy investments (TLPIs), which are sometimes called 'death bonds' - are complicated products generally unsuitable for the mass retail market.*

*They are also known as 'death bonds' because the ultimate investment is in life assurance policies, typically of US Citizens. Investors hope to benefit by buying the right to the insurance payouts upon the death of the original policyholders.*

*They are sometimes also known as 'traded life settlements' or 'senior life settlements'.*

*TLPls may pay a regular income or can aim to grow in value over time. Most death bonds are sold as unregulated collective investment schemes (UCIS), but some take other legal forms.*

*Our review of sales in the TLPI market revealed high levels of unsuitable advice. We are worried that this market could grow and cause further customer losses in the future.*

*As a result, we have recommended that these products should not reach ordinary retail investors in the UK. This would mean that firms should not be marketing, recommending or selling these products to the mass retail market."*

M'hemm l-ebda dubju li l-ilmentaturi kellhom jitqiesu investituri zghar li, anke kif kienu r-Regoli dak iz-zmien, kellhom jinghataw protezzjoni massima minn min bieghilhom dan il-prodott.

[19] *Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* 11/07/2016

**Kif inbiegh dan il-prodott**

Skont il-*Purchase Contract Notes* esebiti mill-ilmentaturi,[20] l-ewwel tranzazzjoni saret fil-*Lifemark SA Secure Income Bond 3 Eur (SIB)* fit-12 ta' Settembru 2008, u t-tieni tranzazzjoni saret fil-31 t'Ottubru 2008, fil-*Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 GBP* ghall-valuri ta' €51,000 u GBP12,276 rispettivament.

Fix-xhieda tieghu,[21] ZQ, jghid illi huma wirtu l-flus minghand missierhom u kienu investiti f'ismu fil-*Friends Provident*. Kienet Daniela Farrugia Randon, bhala *Financial Planning Officer* mal-*GlobalCapital Financial Management Ltd.*, li cemplitlu biex tiltaqa' mieghu u ma' hutu:

'*Illi s-sinjura Farrugia Randon kienet insistiet li tiltaqa' maghna u, fil-fatt, saret laqgha fid-dar tieghi Tas-Sliema fejn fost affarijiet ohra qaltilna xi kliem fis-sens li kien hemm probabbilità kbira li xi 'units' mis-sehem taghna tal-Friends Provident kienu ser jigu 'mnaqqra' a favur tal-uzufruttwarja ghal xi raguni teknika u li dwarha illum ma niftakar xejn u illi kien ikun ahjar nehilsu mill-investiment li kellna f'dan il-Friends Provident 'against one time only exit fee' ta' 3000 liri sterlini u biex ir-rikavat tinvestihulna parti fil-Lifemark S.A. Secure Income Bond Fund Issue 4 denominat f'munita sterlina u parti fil-Lifemark SA Secure Income Bond Issue 3 denominat fil-munita ewro ghaliex konna mmorru ahjar b'dan l-investiment. Jien staqsejtha kienx ikun ahjar ninvestu kollox fi Stocks tal-Gvern Malti ghaliex hassejt illi dawn kienu investimenti certi u bla riskji u li taghhom kont midhla. Izda hi baqghet tinsisti maghna u assiguratna li kif kien jindika t-titolu tal-investiment propost dan kien wiehed 'Secure'.*

Il-kontenut tal-*affidavit* ta' ZQ gie kkonfermat minn hutu u mhux kontradett b'xhieda tal-provditur tas-servizz ghaliex minn biegh il-prodott ma ttellax jixhed.

L-uniku xhud tal-provditur tas-servizz kien Michael Schembri, li ma kienx prezenti waqt it-tranzazzjoni u seta' jixhed biss minn dak li sab fil-*file*. L-impjegata li bieghet il-prodott ma ngabitx bhala xhud mill-provditur tas-servizz.

Huwa xehed illi l-prodott kien inbiegh mill-provditur tas-servizz bhala intermedjarja:

[20] A fol 87 u 91
[21] A fol 68 et seq

‘*Dan ifisser li li GCFM bhala intermedjarja kienet irceviet l-ordnijiet tal-klijent imsemmi biex tixtri l-investiment in kwistjoni u hi ttrazmettiet l-ordnijiet minn terzi biex jigu ezegwiti’.*[22]

Dan ix-xhud qajla jista’ jghidu, l-ewwel nett ghaliex ma kienx prezenti waqt it-tranzazzjoni, u t-tieni ghaliex dak li qal huwa kontradett mix-xhud, ZQ, li xehed li kienet Ms Farrugia Randon li cemplitilhom biex tghidilhom bil-*Lifemark* u kienet hi li qaltihom biex inehhu investiment li wirtu u jissostitwixxuh bil-*Lifemark.* Ta’ dan, il-provditur tas-servizz ha ‘*exit fee’* ta’ 3000 sterlina.

L-istess Michael Schembri jghid li huwa ibbaza dak kollu li qal fuq il-*File Note* li kienet giet iffirmata mill-ilmentaturi.

‘*Dan id-dokument jinzamm kemm ghal skopijiet interni kif ukoll biex il-GCFM, bhala kumpanija licenzjata, tottempora ruhha mar-regoli tal-MFSA.’*[23]

Jghid ukoll li l-*File Notes* huma pjuttost dettaljati u jindikaw ezattament x’gara fil-laqghat li saru. Jghid li jirrizulta li l-provditur tas-servizz kien indika d-diversi prodotti varji li kien hemm fis-suq[24] u li kienu addattati ghal dawn il-klijenti u jirrizulta li gie spjegat lilhom id-dettalji ta’ dan il-prodott u kkonfermaw li fehmu r-riskji.

Ix-xhud jammetti li dan id-dokument kien fi *standard form*, però, skont hu, l-*MFSA* ma kinetx toggezzjona ghal dawn it-tip ta’ dokumenti li jinzammu fi *standard form.*

L-Arbitru m’ghandux dubju li fin-negozju mhumiex eskluzi *standard form contracts*, però min johrog tali dokumenti ghandu responsabbiltà akbar ghaliex it-termini ta’ dawn il-kuntratti ma jkunux gew innegozjati bejn il-partijiet.

Dan it-tip ta’ kuntratt jikkontrasta sew ma’ kuntratti ohra li jigu negozjati. Il-Francizi jaghmlu distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg tipi ta’ kuntratti u jiddeskrivuhom anke fil-kodici civili Franciz bhala ‘***les contrats de gré à gré et les contrats d'adhésion*’.**

Il-kuntratt ‘*de gré à gré’* huwa l-kuntratt li l-partijiet jiddiskutu b’mod liberu bejniethom il-kundizzjonijiet tieghu u jitqiesu fuq livell ugwali.

[22] A fol 101
[23] *Ibid*
[24] Fl-istess *File Notes* ma jissemmew l-ebda prodotti ohra li gew offruti.

Il-*'contrat d'adhesion'* jitqies li huwa kuntratt digà imhejji minn parti li l-parti l-ohra ghandha taccetta fit-totalità tieghu. Anzi jitqies li l-kontenut tieghu ikun qed jigi mghoddi lill-parti l-ohra u ma jkunx imsejjes fuq il-livell ta' ugwaljanza bejn il-partijiet. Huwa ghalhekk li jissejjah kuntratt ta' *'adezjoni'*.[25]

Anke l-Qrati taghna innotaw din id-differenza, u dwar *standard form contracts* innutaw dawn il-fatturi ta' inugwaljanza bejn il-partijiet u qalu li, ghalhekk, il-principju ta' *pacta sunt servanda* jrid jigi rivedut f'dan il-kuntest.[26]

Barra minn hekk, anke l-Prim'Awla tal-Qorti Civili[27] sostniet li minkejja li jkun hemm il-firma fuq dawn it-tip ta kuntratti, bhall-*File Note* imsemmija mill-provditur tas-servizz, ma jfissirx li b'daqshekk l-ilmentaturi setghu jifhmu r-riskji abbinati mal-investiment jew li jistghu jifhmu l-kontenut taghhom.

Il-mod kif sar dan id-dokument ukoll inissel dubju kemm ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kienet qed tagixxi *in buona fede* u fl-ahjar interessi tal-klijenti li skont ir-Regoli vigenti kellha taghmel hekk.

ZQ, waqt il-kontroezami, xehed hekk:

*'Niftakar li dawn il-kaxex li hemm fuq id-dokument a fol 105 u qed nalludi wkoll a fol 104, ghalkemm jien iffirmajt dawn id-dokumenti quddiem Farrugia Randon, dawn il-kaxex hi ma ttikjathomx dak il-hin u gew ittikkjati wara. Indunajt ghax kif ghidt kif iffirmajt ma kienux ittikkjati u meta gew ghandi kienu ttikkjati.'* [28]

In kontroezami, TQ, ikkonferma dan u qal li l-*File Note* (a fol 104) ma kienx qraha ghaliex:

*'Ms Farrugia Randon ipprezentat id-dokument rush rush u jien allura ma qrajtux, dak is-small print ma rajtux'.*[29]

---

[25] http://www.commentfaiton.com/fiche/voir/18795/comment-distinguer-les-contrats-de-gre-a-gre-et-les-contrats-d-adhesion: *'Il suppose qu'une partie apporte un contrat déjà tout fait, que l'autre devra accepter en bloc. Ainsi, dans ce type de contrat, le contenu est imposé à l'une des parties. Elles ne sont donc pas sur un pied d'égalité. C'est pourquoi ce contrat s'appelle un contrat d'adhésion, car une des parties choisit d'adhérer ou pas.'*

[26] *Raymond Camilleri et vs Touring Mediterraneo Ltd*, App. Inf. 6/10/2010; Ara wkoll*, F. Advertising Limited vs. Simon Attard et,* App. Inf., 21 ta' Mejju, 2010

[27] *Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 11/06/2016

[28] A fol 256

[29] A fol 260

Din ix-xhieda mhix kontradetta mill-provditur tas-servizz li kellu l-opportunità li jtella' lil Ms Farrugia Randon tghid il-verzjoni taghha, li m'ghamilx.

U dawn il-kaxxi li ssemmew huma l-qalba tal-*File Notes*. Dwar dawn il-*File Notes*, ipprintjati minn qabel mill-provditur tas-servizz bhala *standard form* ghal kulhadd, ma jistghux jitqiesu bizzejjed biex, verament, il-provditur tas-servizz jipprova dak li gara waqt it-tranzazzjoni. Apparti li hu dokument b'ittri zghar li bilkemm jistghu jinqraw, huma essenzjalment kuntratti ta' ezoneru b'sensiela ta' ammissjonijiet mill-konsumatur u *disclaimers* min-naha tal-provditur tas-servizz.

Ix-xhud, Michael Schembri, stess ammetta li dawn il-*File Notes,* fost affarijiet ohra, kienu jinzammu ghal skopijiet '*interni*' u li *'bhala kumpanija licenzjata tottempora ruhha mar-regoli tal-MFSA'.*[30]

**L-Obbligi tal-Provditur tas-Servizz bhal kumpanija licenzjata mill-*MFSA***

Kif semma tajjeb Michael Schembri, il-provditur tas-servizz bhala kumpanija licenzjata mill-*MFSA,* kellha ssegwi certi regoli li saru apposta biex jaghtu certa protezzjoni lill-investitur.

Dawn ir-regoli li harget l-*MFSA* in segwitu tad-Direttiva *MiFID*[31] kienu jghidu, fost l-ohrajn, li sabiex provditur tas-servizz ibiegh investiment irid jaghmel jew l-*Appropriateness Test* (meta l-prodott ma jinbieghx fuq parir) jew is-*Suitability Test* meta jinbiegh fuq parir.

L-Arbitru jinnota li, filwaqt li l-provditur tas-servizz ipprezenta diversi dokumenti, ma pprezenta la l-*Appropriateness Test* u lanqas is-*Suitability Test* li kien obbligat li jaghmel.

Dwar l-***Appropriateness Test***, ir-Regoli[32] vigenti dak iz-zmien kienu jipprovdu:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be*

---

[30] A fol 101

[31] Dawn ir-Regoli li hargu taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta kienu jissejhu: *Investment Services Rules – Standard Licence Conditions*

[32] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions (SLC) 2.21*

*required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.'*

Peress li l-ilmentaturi xehdu b'mod li ma gewx kontradetti, li huma kienu investew fuq parir ta' Ms Farrugia Randon, allura, s-servizz li inghataw kien wiehed '*advisory*'. Galadarba inghata dan is-servizz kellu jsir is-***Suitability Test*****:**

*'The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio'.*[33]

Biex il-provditur tas-servizz seta' jaghmel dan l-investiment lill-ilmentaturi, kellu jissodisfa dawn it-tliet kriterji. Dwar l-ewwel kriterju, jekk l-investiment kienx jissodisfa l-objettivi tal-investiment li kellhom l-ilmentaturi, huma jsostnu li ghalkemm kienu jafu li investiment seta' jitla' kif ukoll jinzel, dawn huma kriterji li ssibhom kwazi f'kull investiment. Però, huma jinsistu li ghamluha cara ma' Ms Farrugia Randon li ma riedux li jitilfu flushom kollha billi jidhlu f'investiment riskjuz aktar milli xtaqu.

Kif digà gie accennat f'din id-decizjoni, l-*SIB*, anke skont ismu bhala *Secure Income Bond*, kien iwieghed investiment sikur li fil-fatt ma kienx. Mill-analizi tal-prodott aktar 'il fuq, jirrizulta li dan il-prodott ma kellux jinbiegh lil *retail clients* kif kienu l-ilmentaturi, u dan qalitu l-*MFSA* u anke l-awtorità tar-Renju Unit. Ghalhekk l-ewwel kriterju ma giex sodisfatt.

---

[33] *SLC* 2.16

Dwar it-tieni kriterju, meta wiehed iqis l-ammont kbir ta' flus li gew investiti f'darbtejn f'dan il-prodott minghajr ebda diversifikazzjoni, il-provditur kien qed ipoggi lill-ilmentaturi f'pozizzjoni li jistghu igarrbu telf kbir.

Dwar it-tielet kriterju, jigifieri li '*client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction',* il-provditur tas-servizz jipprova jaghti l-impressjoni li l-ilmentaturi kellhom hafna esperjenza fl-investimenti u jsemmi tliet prodotti li kellhom. Apparti l-fatt li dawn m'humiex kollha tal-istess natura tal-*Lifemark*, jirrizulta li dawn l-investimenti kienu wirtuhom minghand missierhom u gew maqluba fuq isimhom.

Fil-fatt, fil-kontroezami tieghu, Michael Schembri, jammetti dan:

'*Qed nigi referut ghat-tieni pagna, it-tielet paragrafu tal-affidavit tieghi, dwar dak li qed nghid li l-ilmentaturi kienu midhla tal-investimenti u mistoqsi minn fejn jirrizultali dan, nghid li dawn ikollna r-records taghhom. Jien rajt l-istatements u qed insemmi bhala prova ta' dan dawn it-tlett investimenti A, B u C a fol 102.*

*Mistoqsi dwar meta jirrizultali li waslu ghandhom dawn l-investimenti li qed insemmi fl-affidavit tieghi,* ***nghid li dawn l-investimenti gew ghandhom minn wirt.*** *Nghid li dawn l-investimenti inqalbu f'isimhom u mistoqsi l-fatt li inqalbu f'isimhom jaghmilhomx nies ta' esperjenza fl-investimenti, nghid li ghalija din hija suggettiva.'*[34]

Dan jikkontrasta sew ma' dak li xehed l-istess Michael Schembri fl-*affidavit* tieghu fejn uza dawn l-investimenti biex johloq l-istampa li l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza fl-investiment ghaliex kellhom dawn l-investimenti.

Ghalhekk it-tielet kriterju ma giex sodisfatt u ma giex ippruvat li kellhom '*the experience and knowledge'* li setghu jifhmu r-riskji abbinati ma' dan il-prodott.

Dan ifisser li l-provditur kiser ir-Regola 2.16.

[34] A fol 259

Mas-sehh tal-Kap. 555, dawn ir-Regoli tal-*MFSA* ma baqghux iservu biss ghal skopijiet regolatorji izda saru font guridiku importanti ghall-Arbitru sabiex ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk l-ilment huwiex gust, ekwu u ragonevoli.

Fil-fatt, l-Artikolu 19(3)(c) jistabbilixxi li l-Arbitru ghandu, fid-diskrezzjoni tieghu:

'*jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta' ligijiet applikabbli u rilevanti, **regoli u regolamenti**, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgiba ta' provditur ta' servizz, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet supervizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment'.*

Ghar-ragunijiet moghtija, l-investimenti li nbieghu mill-provditur tas-servizz lill-ilmentaturi ma kienux '*suitable*' ghalihom u, ghalhekk, sar bejgh hazin tal-prodott.

Galadarba sar bejgh hazin tal-prodott, l-ilmentaturi ghandhom jitpoggew fis-sitwazzjoni taghhom qabel ma nbiegh il-prodott.

Konsegwentement, jirrizulta wkoll li dan il-prodott ma kienx jilhaq *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi'*[35] meta nbiegh lilhom dan l-investiment.

Ukoll, il-provditur tas-servizz ma kienx adempjenti mal-obbligi kuntrattwali tieghu li johorgu min-natura ta' dawn it-tranzazzjonijiet billi l-konsumatur jinghata l-informazzjoni kollha mehtiega dwar il-prodott sabiex ikun jista' jaghmel ghazla li tirrispekkja l-aspettattivi tieghu; il-livell ta' riskju li ried jiehu u, fuq kollox, li jinghata protezzjoni minn min jifhem aktar minnu biex jitharsu flusu. Dan ukoll ikkumplimentat mill-kwezit baziku li *Licence Holder* ghandu, fuq kollox, jagixxi b'mod professjonali u gust:

---

[35] Kap. 555, Art 19(3)(c)

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients.'*[36]

L-Arbitru m'huwiex konvint li dan sar mill-provditur tas-servizz. Jidher li l-aktar haga li kkundizzjonat lil din it-tranzazzjoni kienet l-*exit fee* qawwija li hallsu l-ilmentaturi lill-provditur tas-servizz, jigifieri dik ta' 3,000 liri sterlini, biex johorgu mill-'*Friends Provident*' (li skont l-ilmentatur, ZQ, fir-realtà, ma kellux il-problemi kif intqal lilhom) u jidhlu fil-*Lifemark*.[37] Dan ma giex kontradett mill-provditur tas-servizz.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha 'l fuq imsemmija, l-Arbitru huwa konvint li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.

Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c) (iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *GlobalCapital Financial Management Ltd*. thallas lil ZQ, lil NQ u lil TQ, solidament bejniethom, is-somma ta' wiehed u hamsin elf ewro (€51,000) investiti fil-*Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 EUR-QI,* u tnax-il elf, mitejn u sitta u sebghin liri sterlini (GBP 12,276) investiti fil-*Lifemark S.A. Secure Income Bond 4 GBP-QI,* jew l-ekwivalenti fl-ewro, u minn dawn is-somom jitnaqqas kwalunkwe rikavat li l-ilmentaturi setghu ircevew.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

---

[36] SLC 2.01
[37] A fol 68